**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR NATASHA GALEA SCIBERRAS**

**Kawża Numru: 245/2013**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Lydon Xerri**
**(ID 7294M)**

**Illum, 28 ta' Settembru 2022**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Lydon Xerri** ta' 18-il sena, imwieled Żabbar, fit-8 ta' Diċembru 1993, bin Carmel u Maria nee` Aquilina, residenti 'Josef', Triq Viani, Sliema, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 7294(M);

Akkużat talli fix-xahar ta' Settembru 2012 u matul ix-xahrejn ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gżejjer:

1) Biegħ jew xort'oħra ttraffika fir-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża, u dan bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Akkużat ukoll talli fil-lejl ta' bejn l-1 u t-2 ta' Ottubru 2012 f'dawn il-Gżejjer:

2) Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, **liema droga nstabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinetx għall-użu personali tiegħu**;

Akkużat ukoll talli fil-lejl ta' bejn l-1 u t-2 ta' Ottubru 2012 u matul l-erba' snin ta' qabel din id-data f'dawn il-Gżejjer:

3) Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex titratta mal-imputat bħala wieħed li sar reċediv b'sentenza mogħtija mill-Qrati ta' Malta (Maġ. Dr. J. Padovani Grima LL.D.) tas-6 ta' Marzu 2010.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex dan il-każ jinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[1];

Rat it-talba tad-difiża magħmula minnha fis-seduta tas-16 ta' Frar 2016, li permezz tagħha talbet lil din il-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta u sabiex tressaq il-provi biex turi illi r-rekwiżiti meħtieġa ai termini tal-Artikolu 8(2) tal-istess Kapitolu 537 huma sodisfatti[2];

Rat ukoll id-digriet tagħha tal-istess jum li permezz tiegħu laqgħet din l-aħħar talba;

Rat in oltre illi fl-istess seduta, fuq talba tad-difiża, l-imputat tqiegħed taħt Ordni Temporanja ta' Superviżjoni ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta;

[1] Ara a fol. 7 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 65 tal-proċess.

Rat ukoll illi fis-seduta tat-13 ta' Frar 2017, id-difiża rtirat it-talba magħmula minnha fis-seduta tas-16 ta' Frar 2016 u għaldaqstant il-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-istess talba;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li kienet qegħda tirrimetti ruħha għall-provi prodotti u semgħet it-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni in sostenn tal-imputazzjonijiet odjerni huma s-segwenti:

1. **L-Ispettur Johann J. Fenech** jixhed illi fil-lejl ta' bejn l-1 u t-2 ta' Ottubru 2012, waqt li PS 746 u PC 555 kienu fuq ronda ġewwa San Pawl il-Baħar, innutaw vettura tal-għamla Megane, bin-numru ta' reġistrazzjoni BCA 064, li kien fiha żewġ persuni li bdew jaġixxu b'mod suspettuż. Waqqfu l-vettura u għamlu tfittxija kemm fuq ix-xufier, kif ukoll fuq it-tfajla tiegħu u sabu sitt blokki żgħar suspettati raża tal-*cannabis* f'pakkett li kien fuq ix-xufier ossia l-imputat odjern. It-tfittxija fuq it-tfajla u fil-vettura rriżultaw fin-negattiv. L-imputat ġie arrestat u ttieħed ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija għal investigazzjoni ulterjuri. Huwa rrilaxxja stqarrija wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi u d-dritt li jottjeni parir legali, liema dritt huwa għażel li ma jeżerċitahx. Din l-istqarrija ġiet esebita bħala Dok. JF.[3] Ix-xhud esebixxa wkoll s-sustanza li ġiet elevata mill-pussess tal-imputat li ġiet immarkata bħala Dok. JF1, żewġ *mobile phones* li wkoll instabu fil-pussess tal-imputat u li ġew immarkati bħala Dok. JF2 u sentenza tas-6 ta' Marzu 2010 għall-fini tal-addebitu tar-reċidiva bħala Dok. JF3[4].[5]

2. **PS 746 Jeffrey Attard McCarthy** jixhed illi fit-2 ta' Ottubru 2012 għall-ħabta tas-1.40 a.m., waqt li kien qiegħed fuq ronda flimkien ma' PC 555 ġewwa Buġibba, lemħu vettura tal-għamla Renault Megane ta' kulur iswed, bin-numru ta' reġistrazzjoni BCA 064. Fiha raw żewġ ġuvintur li dehru li nħasdu kif indunaw bil-presenza tal-pulizija. Waqfu mal-vettura u kellmu lix-xufier ossia lill-imputat odjern u wettqu tfittxija fuq il-persuna tal-istess imputat u tal-ġuvni l-ieħor, liema tfittxija rriżultat fin-negattiv. Fil-vettura, hekk kif bdew ifittxu, fuq id-*dashboard* raw pakkett tas-sigaretti *Rothmans*

[3] Ara a fol. 14 sa 16 tal-proċess.
[4] Din tinsab esebita a fol. 17 sa 22 tal-proċess.
[5] Ara din ix-xhieda a fol. 10 sa 13 tal-proċess.

aħmar, ix-xhud staqsa ta' min kien u l-imputat stqarr li dan kien tiegħu. F'dan il-pakkett instabu sitt blokki tal-*cannabis* tawwalin. Fil-bieba tax-xufier instabu wkoll *pepper spray* u *multi-tool,* ġie elevat kollox u l-imputat ġie arrestat. Ix-xhud informa lill-imputat bl-arrest tiegħu, tah is-solita twissija skont il-liġi u d-drittijiet tiegħu. L-imputat ittieħed ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija u huma għaddew l-oġġetti in kwistjoni lil PS 635 mill-Iskwadra kontra d-Droga. Sussegwentement, meta reġa' ġie mistoqsi dwar fejn instabet is-sustanza in kwistjoni, ix-xhud jgħid illi kienu fil-vettura, "*Jekk mhux sejjer zball fuq id-dashboard*".[6]

**In kontro-eżami**, ix-xhud jikkonferma illi x'ħin sab il-pakkett, huwa staqsa ta' min kien u l-imputat wieġbu li kien tiegħu. Wara fetħu u sab is-sustanza u sussegwentement, tah is-solita twissija u arrestah. Huwa ma ħax id-dettalji tal-persuna l-oħra stante illi dan ma kellu xejn u ma ġiex arrestat.[7]

3. **Karen Cremona** in rappresentanza tal-Awtorita' Għat-Trasport f'Malta xehdet illi l-vettura tal-għamla Renault Megane ta' kulur iswed, bin-numru ta' reġistrazzjoni BCA 064 kienet reġistrata f'isem l-imputat bejn it-22 ta'Awwissu 2012 u l-4 ta' Ottubru 2012.[8]

4. **PC 555 Fabio Schembri** jixhed illi fit-2 ta' Ottubru 2012 għall-ħabta tas-1.40 a.m., kienu qed jagħmlu ronda fi Triq Dawret il-Gżejjer, Buġibba quddiem il-baħar, u nnutaw vettura Renault Megane sewda bin-numru BCA 064, liema vettura kien fiha żewġ persuni. Kif indunaw bil-presenza tal-pulizija, dehru li qed jiddejqu minnhom u huma avviċinawhom. Skont ix-xhud, fil-vettura kien hemm l-imputat odjern u tfajla. Fl-istess vettura, instabu xi affarijiet relatati mad-droga ossia pakkett tas-sigaretti *Rothmans* aħmar, li kien fih sitt biċċiet twal suspettati raża tal-*cannabis,* pakkett Rizla ossia karti tat-trembil, flixkun *pepper spray* u *multi-tool*. Mistoqsi fejn instab il-pakkett tas-sigaretti, ix-xhud jgħid "*Għandi amment li taht is-seat imma dan id-dettall mhux mnizzel fir-rapport*".[9] L-imputat ġie arrestat u l-oġġetti elevati ġew mgħoddija lil PS 635. Jgħid ukoll illi saret tfittxija fil-*handbag* tat-tfajla, iżda mhux fuq il-persuna tagħha. Jgħid ukoll illi l-imputat kien qalilhom li l-oġġetti misjuba kienu tiegħu u għaldaqstant ma kienux komplew jinvestigaw lit-tfajla.

---

[6] Ara a fol. 28 tal-proċess.
[7] Ara a fol. 26 sa 30 tal-proċess.
[8] Ara a fol. 31 sa 35 tal-proċess.
[9] Ara a fol. 39 tal-proċess.

**In kontro-eżami**, ix-xhud jgħid illi l-imputat ingħata s-solita twissija mis-Surġent qabel bdew ikellmuhom ossia qabel staqsewhom x'kienu qed jagħmlu hemmhekk u qabel bdew ifittxu u dan stante illi x-xufier deher aġitat ħafna x'ħin huma avviċinawhom. Mistoqsi jikkonferma jekk il-pakkett tas-sigaretti nstabx taħt is-*seat*, huwa jgħid illi "*Ma nikkonfermax mija fil-mija pero hekk minghalija jien imma minix cert*"[10].[11]

5. **Ix-Xjenzat Godwin Sammut**, maħtur minn din il-Qorti bħala espert sabiex janalizza s-sustanza esebita b'digriet tat-13 ta' Ġunju 2014[12], ippreżenta u ħalef ir-relazzjoni tiegħu, mil-liema jirriżulta illi huwa ngħata *envelope* immarkat S/B/729/2013 li kien fih borża tal-plastik trasparenti, liema borża kien fiha (i) **karta bil-kliem Data <u>02-10-12</u> Ħin <u>0130hrs</u> Elevat/i minn <u>taħt is-seat tal-passiġġier ta' vettura BLA 064</u> fil-preżenza ta' <u>Lydon Xerri 7294M</u> minn <u>PS 746 PC 555</u> u (ii) pakkett tas-sigaretti *Rothmans King Size* li fih 6 sustanzi ta' lewn kannella u *business card* ta' *Mosta Auto Dealers* u pakkett *Rizla+ Cigarette papers***.

   Dwar dan id-dokument, l-istess espert jikkonkludi illi:

   (a) Fuq estratti meħuda mis-sustanzi ta' lewn kannella nstabet is-sustanza <u>*Tetrahydrocannabinol*</u>. Il-piż totali tas-sustanzi kien ta' <u>26.14 grammi</u> u l-purita` kienet ta' ċirka 6.0%. Din is-sustanza tiġi mill-pjanta tal-*cannabis* u hija kkontrollata bil-liġi taħt it-Taqsima III, Sezzjoni 8 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.[13]

Da parti tiegħu, <u>l-imputat</u> ressaq is-segwenti xhieda u provi in konnessjoni mat-talba tiegħu taħt l-Artikolu 8 tal-Kap. 537 qabel din ġiet irtiratha fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2017:

1. **Carmel Xerri**, missier l-imputat, jixhed illi meta ibnu kellu sittax-il sena, ma setax isib xogħol u għalhekk kien jagħtih il-flus, anke biex imur Paceville. Jgħid ukoll illi f'daqqa waħda ibnu beda jitolbu kwantita` ta' flus u meta kien staqsih x'qed jagħmel bihom, dan kien jgħidlu li kien jixtri l-ħwejjeġ. Mistoqsi kemm kien jitolbu flus, huwa jgħid "*Qas nista' nimmagina. Kont iggennint u kont wasalt biex immur niddejjen il-flus jien minhabba fih ghax jien pensjonant*", għalkemm wara iżid jgħid "*Kien jitlobni LM100, LM50 u*

---

[10] Ara a fol. 42 tal-proċess.
[11] Ara din ix-xhieda a fol. 38 sa 42 tal-proċess.
[12] Ara a fol. 36 tal-proċess.
[13] Ara din ir-relazzjoni a fol. 49 *et seq* tal-proċess u x-xhieda tax-Xjenzat Godwin Sammut a fol 46 sa 48 tal-proċess.

*Euros*".[14] Kien jitolbu l-flus kull jumejn. Skont hu, ibnu nnega li kien qed jieħu d-droga, iżda hu qgħadlu għassa u sar jaf li kien qed jagħmilha ma' nies li kienu jieħdu d-droga bħalu. Skont hu, sar jaf li ibnu kien qed jieħu d-droga meta kellu dsatax-il sena u dan meta seħħ il-każ ojdern. Jgħid ukoll illi huwa kien qal lil ibnu li kien lest li jgħinu, sablu mpjieg u kien isegwi l-progress tiegħu mal-Uffiċjal tal-*Probation*. Eventwalment, ibnu ottjena self bankarju, għal-liema self huwa jħallas mensilment b'mod regolari. Kuntrarjament għal qabel, illum ibnu ma jberbaqx flus, ma jieħux droga, għandu mpjieg, jaħdem ħafna ħinijiet *overtime*, jagħti l-flus lil missieru biex ifaddallu, akkwista karozza, qed iħallasha bil-mod u sejjer tajjeb.

**In kontro-eżami**, mistoqsi kemm kien talbu flus ibnu, huwa jgħid illi ma jistax jimmaġina kemm tah, iżda wara jgħid illi jikkalkula li b'kollox tah madwar €15,000 u illi kull jumejn kien jagħtih €200 jew €300. Wara jgħid ukoll li kien jagħtih €300 jew €400. Jgħid illi huwa kien jaħdem ġo fabbrika, kellu paga tajba, dejjem ħadem u ommu kienet tgħinu bil-flus ukoll. Mistoqsi kif qabel qal illi kien pensjonant, jgħid illi huwa pensjonant illum, iżda ma kienx meta t-tifel kien jitolbu l-flus. Kien jaqla' bejn €1000 u €1,200 fix-xahar mill-impjieg tiegħu, apparti li ommu kienet tagħtih il-flus. Jgħid illi kellu suspett li ibnu kien qed iħawwad fid-droga, iżda kien jibża' li jekk ma jagħtihx il-flus, ibnu kien jiddejjen bl-użura jew jinqatel. Mistoqsi kif seta' jagħti €300 lil ibnu kull jumejn meta kien jaqla' paga ta' madwar €1000 fix-xahar, huwa jgħid illi ommu kienet tagħtih kemm kien jitlobha. Skont hu, forsi hu kien jagħtih €100 u ommu kienet tagħtih €200, dejjem bil-moħbi ta' missieru.[15]

2. **L-Uffiċjal tal-*Probation* Joanna Farrugia** xehdet illi hija segwiet lill-imputat fuq żewġ Ordnijiet tal-*Probation*, li waħda minnhom dak iż-żmien kienet għadha attiva.[16] Tgħid illi huwa tqiegħed taħt l-ewwel Ordni fis-6 ta' Marzu 2010 għall-perjodu ta' sentejn, meta kellu biss sittax-il sena, f'liema żmien kien qed jagħmilha ma' kumpanija ħażina. Fil-bidu tal-Ordni, ma kienx qed jimxi sew tant li ddenunzjatu, iżda sussegwentement biddel l-attitudni tiegħu u beda jimxi tajjeb ħafna. Dak iż-żmien, huwa qalilha li kellu problema tal-*cannabis* u hija rreferietu l-*Youth in Focus*. Ix-xhud tgħid illi mar tajjeb u dan is-servizz waqaf meta l-imputat għalaq tmintax-il sena. Skont hi, dak iż-żmien u ċioe` għall-ħabta tas-sena 2012, l-imputat kien tajjeb u ma kienx jagħmel użu mid-droga. Dwar dan iż-żmien, ix-xhud tgħid illi l-

[14] Ara a fol. 68 tal-proċess.
[15] A fol. 67 sa 75 tal-proċess.
[16] Ix-xhud xehdet fis-seduta tas-16 ta' Frar 2016.

problema tad-droga ma kinitx waħda serja u iżjed kienet tinvolvi esperimentazzjoni da parti tal-imputat.

It-tieni Ordni ta' *Probation* bdiet fit-28 ta' Frar 2013. Wara xi ftit xhur li bdiet din l-Ordni, l-imputat kien ħassar mat-tfajla tiegħu, ħadha bi kbira ħafna u kien jagħmel użu sew mill-*cannabis*. Skont hi, l-imputat kien qalilha li anke biex jorqod kien ipejjep u illi kien juża l-*cannabis* kuljum. Dam numru ta' xhur sakemm irnexxielu jaqta' mill-*cannabis*. Minn Mejju 2014 sa Jannar 2016, il-kampjuni kollha tal-urina li ħalla l-imputat irriżultaw fin-negattiv għal sustanzi illeċiti. F'Mejju 2014 beda jaħdem u baqa' fl-istess impjieg. Tgħid in oltre illi waqt it-tieni Ordni kienet irreferietu għand il-psikologu Dr Kevin Sammut Henwood, stante illi l-problema iżjed kienet ir-relazzjoni li sfaxxat għaliex l-imputat kien ħadha bi kbira ħafna. Madankollu, ma tantx attenda għal dawn is-sessjonijiet, stante li f'dak il-perjodu kien imħarbat. Meta bdiet it-tieni Ordni, l-imputat kien għadu mat-tfajla iżda r-relazzjoni ma kinitx sejra tajjeb. Dak iż-żmien l-imputat kien għadu ma qalilhiex illi kien reġa' beda jabbuża mid-droga u fil-bidu hija ma ħaditlux kampjuni tal-urina. F'Ottubru 2013 kienet ċemplitilha ommu, qaltilha li ma kinitx qed tarah tajjeb u tatha x'tifhem li kien qed jagħmel użu mid-droga. Tgħid ukoll illi fix-xhur ta' qabel, ma kienx regolari fl-attendenza tal-appuntamenti tiegħu magħha u ma kienx daqshekk tajjeb. F'Marzu 2013, m'għamlitlux testijiet u hu kien jgħidilha illi kien qiegħed tajjeb, sakemm f'Ottubru 2013 saret taf li l-imputat kien qed jagħmel użu mid-droga. Meta kellmitu dwar dan fis-17 ta' Ottubru 2013, huwa qalilha dwar il-problemi li kellu mat-tfajla tiegħu, li kienet intemmet din ir-relazzjoni u li kien reġa' beda juża d-droga u illi kien ilu xi ftit xhur jagħmel dan. Qalilha wkoll illi fil-perjodu li fih ma kienx taħt l-Ordni, kien reġa' fetaħ il-każijiet ta' traffikar. Skont hi, "*l-issue dejjem kienet fuq il-cannabis. Kienet daily use*"[17].[18]

3. **Il-Psikjatra Dr. Joseph Spiteri** jixhed illi l-ġenituri tal-imputat ma baqgħux flimkien madwar ħames jew sitt snin qabel u minn hemmhekk huwa beda jagħmel użu mill-*cannabis*. In oltre intemmet ir-relazzjoni li kellu mat-tfajla tiegħu. Huwa kien ra lill-imputat għall-ewwel darba f'Ġunju 2013 u ċioe` madwar sena wara li bdew il-problemi. Il-konsum tal-*cannabis* ma kienx xi wieħed kbir, għalkemm wara x-xhud jgħid ukoll illi "*Imma skont kif irrakkuntali hu. Jiena nassumi li kien qed jieħu aktar probabbli milli qed jirrappurtali*"[19] u "*hu kien jghidli li forsi kien jiehu darbtejn fil-gimgha. Imma*

[17] A fol. 83 tal-proċess.
[18] A fol. 76 sa 85 tal-proċess.
[19] Ara a fol. 114 tal-proċess.

*mis-sintomi, probably kien jidher li qed jiehu aktar. U dana mhux biss kemm qed tiehu drabi, kif tehodha wkoll. Jigifieri fis-sens illi r-realta`, l-haxixa, mhux haxixa wahedha, imma jkollha hafna affarijiet go fiha*".[20] Jgħid ukoll illi l-imputat kellu problemi fil-personalita` tiegħu u dan fis-sens illi kultant ma kien ikollu interess f'xejn, ħlief li jaħrab minn ħajtu u jieħu s-sustanzi – dik li x-xhud isejħilha *amotivational syndrome*. Għamel sena jew sentejn li fihom l-imputat ma baqax jattendi, iżda reġa' beda jmur għandu fis-sena 2015. Skont ix-xhud, l-*amotivational syndrome*, li hija waħda mill-effetti tas-sustanza *cannabis*, żdiedet fil-kontenut. Ix-xhud jgħid illi fis-sena 2015, huwa preskrivielu kura medika u l-imputat għamel progress. Jgħid ukoll illi fiż-żmien ta' din ix-xhieda, l-imputat ma kienx qed jagħmel użu mid-droga, kien hemm titjib fl-istat mentali tiegħu u kellu mpjieg. Jgħid ukoll illi milli kien jiftakar hu, fil-bidu ossia meta beda jarah fis-sena 2015, l-imputat kien qed isibha diffiċli biex jaqta' mill-*cannabis*, iżda eventwalment ma baqax jużaha. In oltre huwa kwalifika d-dipendenza tal-imputat bħala waħda *slight*.[21]

4. L-istess **Uffiċjal tal-*Probation* Joanna Farrugia** reġgħet xehdet fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2018. Hija tgħid illi l-imputat baqa' jżomm progress tajjeb, b'kollox issottometta ruħu għal erbgħa u tletin test tal-kampjun tal-urina li lkoll irriżultaw fin-negattiv għal sustanzi lleċiti u dejjem prova jtejjeb lilu nniffsu, billi per eżempju jfittex impjieg aħjar.

   **In kontro-eżami** hija tixhed illi filwaqt illi matul l-ewwel Ordni ta' *Probation* li kienet segwietu fuqha, l-imputat kien waqqaf l-użu tal-*cannabis*, huwa kien reġa' beda jagħmel użu minnha matul is-sena li fiha hija ma baqgħetx issegwih u fil-fatt fil-bidu tat-tieni Ordni huwa kien għadu bil-problema.[22]

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva nhar it-2 ta' Ottubru 2012 u dan wara li huwa ngħata s-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll id-dritt illi jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, liema dritt huwa għażel li ma jeżerċitahx, iżda mingħajr id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju u dan stante illi fiż-żmien mertu tal-każ, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija. Fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin fir-rigward, inkluż iżda mhux biss, is-sentenzi fl-ismijiet <u>**Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat**</u> (Qorti Kostituzzjonali,

---

[20] Ara a fol. 114 tal-proċess.
[21] Ara a fol. 111 sa 124 tal-proċess.
[22] Ara a fol. 126 sa 128 tal-proċess.

27 ta' Jannar 2021), **Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et** (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll **Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat** (Qorti Kostituzzjonali, 26 ta' April 2022) u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion** (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 4 ta' Mejju 2022), il-Qorti qed tqis l-istqarrija tal-imputat bħala nieqsa minn valur probatorju. Fl-istqarrija rilaxxjata minnu l-imputat għamel dikjarazzjonijiet inkriminanti, li a bażi tagħhom biss, wasslu sabiex huwa jiġi addebitat bl-ewwel imputazzjoni. In oltre it-tielet imputazzjoni ġiet addebitata lilu b'referenza għaż-żminijiet ta' qabel id-data li fiha seħħ il-każ odjern proprju u biss fid-dawl ta' dak li l-istess imputat qal fl-istqarrija tiegħu. Għaldaqstant, il-Qorti qed tiskarta l-kontenut tal-istess stqarrija meħuda lill-imputat mingħajr il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju tiegħu. Naturalment dan japplika wkoll għal dak li xehed l-Uffiċjal Prosekutur in konnessjoni mal-kontenut tal-istess stqarrija, kif ukoll għal dak kollu li xehdu l-Uffiċjali tal-Pulizija li arrestaw lill-imputat in kwantu huma rreferew għal dak li stqarr magħhom l-istess imputat fuq il-post tal-arrest tiegħu.

Hawnhekk il-Qorti tinnota wkoll illi lanqas jirriżulta b'mod ċar f'liema waqt l-istess imputat ingħata s-solita twissija skont il-liġi, ossia li kellu d-dritt illi ma jgħid xejn, li dak li jgħid se jitniżżel bil-miktub u illi kwalunkwe ħaġa li jgħid setgħet tintuża bħala prova. Fil-waqt illi PS 746 Jeffrey Attard McCarthy jgħid illi huwa l-ewwel staqsa lill-imputat ta' min kien il-pakkett tas-sigaretti u wara li fetħu u fih sab is-sustanza, huwa ta lill-istess imputat is-solita twissija, mill-banda l-oħra PC 555 Fabio Schembri jgħid illi l-imputat ingħata s-solita twissija mis-Surġent qabel bdew ikellmu lill-imputat u lit-tfajla tiegħu ossia qabel staqsewhom x'kienu qed jagħmlu hemmhekk – verżjoni din tal-aħħar illi fil-fehma tal-Qorti ma tantx treġi la darba s-Surġent stess illi tah it-twissija xehed xort'oħra.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi permezz tal-<u>ewwel imputazzjoni</u>, l-imputat qed jiġi akkużat bir-reat ta' traffikar tar-raża tal-*cannabis* b'referenza għax-xahar ta' Settembru 2012 u x-xahrejn ta' qabel din id-data. Kif ingħad iżjed' il fuq, la darba skartata l-istqarrija tal-imputat għar-raġunijiet fuq indikati, l-atti proċesswali ma jipprovdu l-ebda prova li tista' ssostni din l-imputazzjoni. Il-Qorti tinnota wkoll illi għalkemm l-Uffiċjal Prosekutur ippreżenta żewġ *mobile phones* li dwarhom huwa xehed li nstabu fil-pussess tal-imputat, matul il-proċeduri l-Prosekuzzjoni ma talbitx sabiex jinħatar espert sabiex iniżżel il-kontenut tagħhom.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi din l-imputazzjoni ma ġietx ippruvata.

Permezz tat-tieni imputazzjoni, l-imputat qed jiġi akkużat bir-reat ta' pussess tar-raża tal-*cannabis* f'tali ċirkostanzi li juru li din ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu ossia għalhekk bir-reat ta' pussess aggravat tal-istess droga.

Il-Qorti tqis illi fid-dawl tax-xhieda tal-Uffiċjali tal-Pulizija li arrestaw lill-imputat fil-ħinijiet bikrija tat-2 ta' Ottubru 2012, ma tistax tasal għall-konklużjoni, fil-grad rikjest mil-liġi, illi fil-jum in kwistjoni, ir-raża tal-*cannabis* misjuba fil-vettura tal-imputat kienet proprju fil-pussess tiegħu. Għalkemm l-Ispettur Johann J. Fenech jgħid illi l-pakkett kontenenti s-sustanzi kien fuq ix-xufier ossia l-imputat odjern, ma jirriżultax illi huwa kien preżenti għal din it-tfittxija. Kemm PS 746, kif ukoll PC 555 jixhdu illi fil-vettura kien hemm żewġ persuni –PS 746 jgħid illi dawn kienu żewġ ġuvintur, mentri PC 555 jgħid illi dawn kienu l-imputat u tfajla – u fil-waqt illi PS 746 jixhed illi l-pakkett tas-sigaretti li kien jikkontjeni s-sustanzi in kwistjoni kien jinsab fuq id-*dashboard* tal-vettura "*Jekk mhux sejjer zball*", PC 555 jixhed illi dan instab taħt is-*seat* għalkemm lanqas ma kien ċert minn dan. Ix-xhud ma jgħidx lanqas għal-liema *seat* kien qed jirreferi, iżda mir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut jirriżulta illi fl-esebit kien hemm karta li apparti li tindika d-data u l-ħin meta dan ġie elevat, tindika wkoll illi ġie elevat "*minn taħt is-seat tal-passiġier ta' vettura BLA 064*". Veru illi dan il-kliem ma ġie fl-ebda waqt ikkonfermat minn min kitbu, iżda fiċ-ċirkostanzi huwa evidenti illi ma nġabitx prova ċara dwar minn fejn, ġewwa l-vettura, ġie elevat il-pakkett tas-sigaretti kontenenti r-raża tal-*cannabis* u għalhekk, la darba kienu żewġ persuni fil-vettura, lanqas ma jirriżulta fil-grad rikjest mil-liġi, min minnhom kien fil-pussess ta' din id-droga. Hawn irid jingħad ukoll illi għalkemm mill-provi mressqa jirriżulta ċar illi l-imputat kien jagħmel użu mill-*cannabis*, lanqas ma jirriżulta mill-atti proċesswali min kienet il-persuna li magħha l-imputat kien fil-vettura u għalhekk il-Qorti ma tistax tasal għall-konklużjoni illi l-*cannabis* misjuba fil-lejl in kwistjoni kienet proprju fil-pussess tal-imputat.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi t-tieni imputazzjoni ma ġietx sodisfaċentement ippruvata.

In kwantu t-tielet imputazzjoni, imbagħad, l-imputat jinsab akkużat bir-reat ta' pussess tal-istess droga u dan b'referenza kemm għal-lejl ta' bejn l-1 u t-2 ta' Ottubru 2012, kif ukoll għall-erba' snin ta' qabel din id-data.

Il-Qorti tqis illi l-kunsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tat-tieni imputazzjoni japplikaw ukoll għal din l-imputazzjoni, sa fejn din tirreferi għal-lejl ta' bejn l-1 u t-2 ta' Ottubru 2012. In kwantu l-erba' snin ta' qabel din id-data, la darba skartata l-istqarrija tal-imputat, din ma tirriżultax ippruvata. Fir-rigward, il-Qorti lanqas ma tista' tistrieħ fuq il-provi mressqa mid-difiża stante illi kemm l-Uffiċjal tal-

*Probation*, kif ukoll il-Psikjatra Joseph Spiteri jirreferu biss għal *cannabis*, u għaldaqstant jibqa' ma jirriżultax fil-grad li trid il-liġi jekk din kinitx ir-raża jew il-pjanta tal-*cannabis*.

Għaldaqstant lanqas din l-imputazzjoni ma tirriżulta ppruvata.

Finalment, in kwantu l-addebitu tar-reċidiva, la darba m'hijiex tinstab reita` fl-imputat, lanqas ma jista' l-istess imputat jinstab ħati ta' dan l-addebitu.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat **Lydon Xerri** mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u qegħda tilliberah minnhom.

Tordna r-rilaxx taż-żewġ *mobile phones* esebiti bħala Dok. JF 2 favur l-istess imputat.

Tordna wkoll id-distruzzjoni tad-droga esebita bħala Dok. JF 1, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat